Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 41/2015AE

**Jennifer Pace**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

Id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali appella minn decizjoni tal-Arbitru tas-16 ta' Settembru 2015 li biha ntlaqa' l-appell ta' Jennifer Pace mid-decizjoni tad-Direttur li l-appellata ma kinitx qeghda tifforma familja ghal rasha u fil-fehma tieghu ma kinitx il-kap tal-familja. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ghamel riferenza ghall-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) li jipprovdi:-

*"familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja…"*

*"kap ta' familja dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja."*

L-appellant ghamel ukoll riferenza ghall-Artikolu 30 tal-Kap. 318 li jipprovdi ghall-ghoti tal-ghajnuna socjali lill-kap tal-familja. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argument:

*"12. Il-kaz tal-appellata jirrigwarda kaz fejn minn dikjarazzjoni tal-appellata stess irrizulta ma kinitx qed tghix wahedha izda li kellha hu l-eks ragel taghha jghix maghha u ghalhekk din il-koabitazzjoni tohloq kwistjoni ohra dwar min hu l-kap tal-familja jekk l-appellata mhux qed tghix wahedha kif kienet originarjament iddikjarat mad-Dipartiment fil-11 ta' Gunju 2014.*

*13. Illi r-regola generali hija li kull applikant huwa obbligat bl-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 li jinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkostanzi ta' hajtu. Issa f'dan il-kaz, l-appellata kienet korretta u aderixxiet ma' dak li tghid il-ligi. Izda l-konsegwenza ta' dan kienet li* ***peress li ma baqghetx tghix wahedha, ma baqghetx hi l-kap tal-familja u ghalhekk id-Dipartiment ma setax ikompli jaghtiha l-beneficcju f'dak il-perjodu partikolari."***

Il-qorti ma **taqbel xejn** ma' dan ir-ragunament. Hu veru li l-ligi tipprovdi li hu d-Direttur li jiddeciedi min hu kap tal-familja, pero' d-decizjoni tieghu trid tkun ragonevoli u bazata fuq fatti konkreti. Hu evidenti li f'dan il-kaz l-appellant ibbaza d-decizjoni tieghu li l-appellata ma baqghetx kap tal-familja fuq is-semplici fatt li ghal xi ftit gimghat dahal ighix maghha Xuxejn Pace. Decizjoni li m'hijiex ragonevoli. Il-fatt biss li kien hemm ragel ighix fl-istess residenza fejn kienet qeghda tghix l-

appellata ma' wliedha, ma kellha qatt tkun ir-raguni li twassal lid-Direttur biex iwaqqaf l-ghajnuna socjali li hu stess kien ta lill-appellata. Din il-qorti tittama li kazijiet bhal dawn ma jirrepetux ruhhom. Filwaqt li kulhadd jaqbel li m'ghandux ikun hemm abbuz tas-servizzi socjali, min-naha l-ohra decizjoni li twassal ghal waqfien tal-ghajnuna socjali m'ghandhiex tittiehed b'mod legger. Sfortunatament hekk gara f'dan il-kaz.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell. Peress li tqies li l-appell hu fieragh tikkundanna lill-appellant jhallas l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223 tal-Kap. 12)**.

Anthony Ellul.